**FIT - TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

**Ġudikatur: Dr. Marouska Debono LL.D, M.A. in Law**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 10 ta' Lulju, 2025**

**Talba Nru: 175/2021MD**

**Jan Borg (I.D. No. 394187M)**

**Vs**

**John Borg (I.D No. 466648M)**

## It-Tribunal,

Ra l-Avviż fl-ismijiet premessi ppreżentat fit-18 ta' Ġunju, 2021[1] permezz ta' liema l-attur talab li l-konvenut jiġi ordnat iħallas is-somma ta' elf u disa' mitt Ewro (€1,900) rappreżentanti servizzi pprovduti mill-attur fuq inkarigu tal-konvenut u konsistenti f'xogħol ta' dawl u ilma, fil-proprjeta' li tinsab 49, Triq Karmnu, Sliema, liema ammont jinkludi spejjeż ta' materjal inkorsi mill-attur, bl-ispejjeż inkluż dawk tal-ittra legali tal-15 ta' Marzu, 2021 u bl-imgħax legali mid-data tal-fattura sad-data tal-pagament effettiv.

Ra r-risposta tal-konvenut datata l-15 ta' Lulju, 2021[2] li permezz tagħha eċċepixxa:

> *It-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra tiegħu u dana peress illi l-kont preżentat ta' €1,084 għal-parts u €1,815 għall-fee tiegħu huwa esaġerat u ma jirriflettix il-kont tas-suq għax-*

---

[1] A fol 1 et seq tal-proċess

[2] A fol 4 et seq tal-proċess

*xogħolijiet esegwiti u prinċipalment konsistenti fil-bdil tal-pajpijiet tal-ilma li kienu tal-ħadid u saru tal-plastik (mikxufin), u bdil ta’ ringiela waħda tal-plakek li ġew sostitwiti f’plakek ġodda tal-plastik.*

*Illi għalhekk il-kont tal-attur huwa eċċessiv u ma jirriflettix il-prezzijiet tas-suq.*

*Bl-ispejjeż.*

Ra d-dokumenti li ġew esebiti in atti;

Ra l-affidavits esebiti in atti;

Ra x-xhieda prodotta mill-partijiet;

Ra n-noti ta’ sottomissjonijiet tal-partijiet;

Ra l-atti kollha tal-kawża;

Ra li l-kawża tħalliet għas-sentenza.

**Fatti fil-Qosor**

Illi l-attur ġie inkarigat mill-konvenut sabiex jipprovdi servizzi konsistenti f’xogħol ta’ dawl u ilma fil-proprjeta’ li tinsab ġewwa 49, Triq il-Karmnu, Sliema. Illi l-ammont reklamat ta’ elf u disa’ mitt Ewro (€1,900) jinkludi wkoll spejjeż ta’ materjal inkorsi mill-attur.

**Kunsiderazzjonijiet**

Ra l-affidavit ta’ Jan Borg[3] li permezz tiegħu ddikjara li hu *electrician* u *plumber* kwalifikat u ilu jagħmel dan it-tip ta' xogħol mis-sena 2007 fejn għamel ukoll sentejn u nofs bla paga bħala apprentist sakemm ġab il-kwalifiki meħtiega. Matul iż-żmien kiseb aktar kwalifiki u esperjenza f’dan ix-xogħol. Wara li bena il-klijentela tiegħu, investa f’aktar tagħmir sabiex kemm jista' jkun joffri l-aħjar xogħol possibbli fl-inqas ħin possibli professjonalment u fetaħ għal rasu. Din hija l-ewwel darba li qatt kellu problema fuq ix-xogħol u qatt ma għamel reklam għax-xogħol, u dejjem ħadem bir-riklam ta' fomm in-nies li huma klijenti tiegħu. Sar jaf lill-konvenut mingħand il-ġar tiegħu Joe Cilia, li ħadimlu diversi drabi u qatt ma tah prezzijiet minn qabel u dejjem tħallas mal-ewwel kif ix-xogħol jitlesta. Lura fil-25 ta' Mejju, 2020 reġa mar biex jara biċċa xogħol għand Cilia ħalli jifthemu l-ġranet tax-xogħol. Kif kien hemm, Cilia qallu biex kif ilestu jgħaddi jkellem lil ġar tiegħu għaliex kien avviċinah għaliex kellu bżonn xi xogħolijet u staqsa għad-dettalji tiegħu biex jaħdem bih. Ħabbat lill-konvenut li deher persuna dħulija, iżda jiddispjaċih jgħid li l-istat ta' kif kien qed jgħix il-konvenut u l-mara tiegħu ma kien xejn iġeniku u ħa qata' minn fejn kien ser jaqbad jibda bix-xogħoljiet, wisq aktar għax kien ġja bbukkjat b'xogħolijiet oħra ma’ klijenti oħra. Qal li bilkemm kellu ilma mill-*pipe* tal-'*mains*".

[3] A fol 11 et seq tal-proċess

Lanqas ma kellu ilma mis-sistema tat-tank ta' fuq il-bejt għax ilma ma kienx jasal sa fuq u l-misħun lanqas kien disponibbli. L-ammont ta' mbarazz li kien hemm mad-dar ukoll kien ħa joħloq xkil biex ix-xogħolijet iseħħu. Ix-xogħol kien jikkonsisti f'tibdil tal-kanen tal-ilma kollha, kċina, *plumbing* ġdid fi tlett kmamar tal-banju inklużi *angle valves* u *flexible pipes* ġodda, kanen fix-xaft (inżul u tlugħ), jinqala *water heater* u jerġa jitwaħħal post ieħor inklużi alterazzjonijiet neċessarji tad-dawl u ilma, tibdil tal-*power sockets* kollha tat-terran, alterazzjonijiet fil-kaxxa tad-dawl u mal-madwar tagħha inkluż l-installazjoni sħiħa tal-*lighting system* tal-ewwel parti tad-dar li tifforma parti mit-taraġ u l-qanpiena, eskluż pero' s-swiċċ nnifsu tal-qanpiena li xtara huwa stess, tibdil ta' tlett *internal flushing systems* (il-parti li timla u l-parti li tiflaxxja), xiri ta' żewġ *bowls* tat-*toilets* u twaħħil, introduzzjoni tal-misħun fil-kċina, qlugħ, tindif u twaħħil mill-ġdid tat-tank tal-bejt, xiri u installazzjoni ta' *light fittings* fil-kmamar tal-banju, fergħa ġdida ta’ l-ilma għal ġol-ġnien, tibdil u xiri u installazzjoni għall-ewwel darba tal-mixer fil-kamra tal-banju ta' isfel li ħadem għall-ewwel darba wara erbgħin (40) sena, ċaqliq ta' l-għamara biex ix-xogħol jkun jista isir. Għall-ewwel qisu pprova jevita lill-konvenut bħala klijent u qallu li ma jafx kif ser jaqbad jistima x-xogħol minnħabba l-istat li kienet fiha d-dar. Il-konvenut spejgalu li issa hu wara erbgħin (40) sena ser jibda jagħti każ tad-dar għaliex qabel hu kien moħħu biss fir-restaurant li kellu u d-dar kien biss jużaha biex jorqod. Qallu wkoll li kien ilu ma jara lit-tifel tiegħu għaliex jmurx ma' martu bit-tifel fir-residenza tiegħu f'dawn il-kundizzonijiet bla bżonnijiet neċessariji u kien iddispjaċut u irrabjat u kien anke qallu xi diskors dwar dan. Kemm b'rispett ta’ Cilia, u għax tħassru milli qallu fuq it-tifel tiegħu u kemm għaliex ħadd ma jistħoqlu jgħix bla bżonnijiet neċessarji qallu li kien ser jara kif ser itih prijorita’ mqar billi jibda jtih l-ilma. Rigward il-prezz kliemu kien: '*Il-problema li qed nara apparti ż-żmien kif ħa naqbad intik stima tax-xogħol*'. Fil-pront wieġbu: '*Jien lanqas biss qed nitolbok stima, Joe ifaħħrek ħafna jekk timxi miegħi kif timxi ma' Joe jien kuntent*'. Kellem lil Joe u qabel li jtih prijorita’ u jibda mill-konvenut minflok jaħdem lilu. Beda jaħdimlu minnufih erbat’(4) ijiem wara fil-festa tad-29 ta’ Ġunju, 2020. Dak in-nhar qalalu l-ilma tal-ħadid minn ġol-ħitan tat-terran li saħansitra kien jgħaddi minn wara t-taraġ ta’ l-irħam u għadda il-ġdid mill-bieb ta’ barra sal-kċina u tema anka t-tank ta' fuq il-bejt bil-galbu mingħajr ebda *shortcut* biex jibżalu għat-taraġ tal-irħam. Għalkemm l-inżul tat-tank kien limitat ħafna, almenu seta' jinqeda minnu ukoll sakemm jerġa’ jmur biex ikompli aktar xogħol. Il-konvenut kien kuntent ħafna kif ħadimlu u saħansitra riedu jmur jaħdimlu f'xi appartamenti (Bormla jew Birgu), għaliex l-*electrician* li kellu jaħdimlu hemm għal xi raġuni ma riedx jaħdimlu iktar u ħallih b'xogħol nofs leħja. Wieġbu li apparti li ma tantx kellu ċans, kien ikun aħjar jeħilsu ħaġa ħaġa imbagħad fil-każ jerġgħu jitkellmu. Dak in-nhar talbu xi ħaġa tal-flus u l-konvenut tah ħames mitt Ewro (€500) kontanti bil-quddiem. F'Lulju tas-sena 2020 mar jumejn jaħdem lil Cilia, lesta u tħallas. Wara kellem lill-konvenut biex jara riedx ikomplu u ma setgħax għaliex kellu n-nies jadmu fuq ir-restawrazzjoni tal-gallarija. F’Settembru kkuntatjah il-konvenut biex ikomplu, u sa Ottubru x-xogħol li tkellmu fuqu kien lest. Hu u jagħmel ix-xogħol kellu naqra ta' okkażżjonijiet fejn beda jibża' li biex jitħallas ser ikun hemm il-problemi fosthom meta kien qallu li m'għandux *earth electrode* u li importanti ħafna għas-*safety* tiegħu u ta' min jidħol fir-residenza tiegħu. Qallu biex jagħmililu iżda ma kellux biex jagħmilha pero’ seta’ jqabbdu ma’ xi ħadd fuqhom. Il-konvenut staqsih kemm tiġi tiswa u hu kien irrispondih li l-aħħar prezz li jaf kien ta' sebgħin Ewro (€70) u qallu biex iħalliha. L-attur insista biex jagħmililu hu iżda reġa rrifjuta. Ġurnata qabel lesta reġa talab xi ħaġa oħra tal-flus u l-attur qallu li la kien reġa sejjer l-għada jtih l-għada. Fl-aħħar ġurnata tax-xogħol il-konvenut qallu biex jagħmillu aktar xogħolijiet fosthom jirranġalu d-dawl ta’ l-ewwel sular ta' fuq li kien irranġat / illapazzat minn xi ħadd ieħor qabel u li spiċċa jixgħel biss jekk tixgħel it-taraġ jew kurritur, kif ukoll reġa'

semmilu x-xogħol tal-appartamenti. Wieġbu li aħjar jagħlaq dan il-kont qabel ikomplu b'iktar xogħolijiet. Tah ħames mitt Ewro (€500) oħra u baqgħu li ser jikkuntattjah fuq il-kont proprju għal kumplament. F'Novembru mar biex itih il-kont pero' ma fetaħ ħadd. Mar il-ġimgħa ta' wara tah il-kont u l-konvenut qallu li kien ser jerġa' jkellmu biex iħallsu, iżda qatt ma ikkuntattjah. Ħalla ftit ġimgħat igħaddu, ċempillu u qallu li kien għadda l-kont lill-*accountant* li talbu *breakdown* tal-*costings*. Ħassu qed jilgħab bil-kliem u ħa parir mingħand l-avukat u wara ġimgħa mar lura d-dar tal-konvenut sabiex itih il-*breakdown* tal-kont u deher li ħa qata' meta rah. Qallu li mar biex itih il-*breakdown* kif xtaq hu, tahulu, u qallu li ser jisma' minn għandu. Wara ftit ġimgħat ċempel lil Cilia u staqsih jekk il-konvenut kienx qallu xi ħaġa u jekk kienx kuntent bix-xogħol li min-naħa tiegħu qallu li kien jaf hu li meta tkellmu n-nisa flimkien, il-mara tal-konvenut faħħritu mal-mara ta' Cilia li fl-aħħar għandha naqra kumdita'. Pero' qallu wkoll li dawk l-aħħar ġranet kien ilu ma jarah lill-konvenut u jista' jkun li kien qiegħed l-isptar. Wara xi ġimgħat ikkonferma li l-konvenut reġa kien id-dar, kellem lill-avukat u bagħat ittra legali datata 15 ta' Marzu, 2020. Fl-20 ta' Marzu, il-konvenut wieġeb l-ittra leġali, fejn talab li jerrevedi l-kont, xi ħaġa li qabel bagħtlu bl-avukat, qatt ma kien semmiha. Hu mar jaħdem għand il-konvenut mar jaħdem seba' (7) darbiet. Fil-ġranet u l-ħinijiet, ħadem b'total ta' 'l fuq minn erbgħa u ħamsin (54) siegħa. Qal li waqt il-ħin fuq il-post tax-xogħol kemm jista jkun ma joqgħodx jintilef imur jixtri għax iżomm stokk kbir ta' materjal fil-garaxx tiegħu u jistokkja il- van skont ix-xogħol. Il-ħin utilizzat biex ifittex materjali oħra speċifiċi għall-użu ta' dan il-klijent bħal meta biex qabbel il-*bowls* tal-*flushings* tat-*toilets*, xtrahom wara il-ħinijiet stipulati. Għalhekk apparti l-erbgħa u ħamsin (54) siegħa ikun iddedika iktar ħin għal dan il-klijent, ħin li hu lanqas biss ikun jaf bih. Rigward r-rata ta' siegħat tax-xogħol hu ma qallux lill-konvenut għaliex eżempju wara ċertu ħin rata oħra, jew għaliex festa b'rata ogħla, jew għax tah prijorita' minn ħaddieħor. Dejjem ikollu f'moħħu li jaqdi l-klijenti bl-aħjar xogħol b'mod professjonali, f'inqas żmien possibli u għalhekk investa għodda biex ix-xogħol jagħmlu aħjar f'inqas ħin possibli u f'ebda mument ma kellu ftehim mal-klient fuq rati bis-sieghat, għax huwa stess lanqas ried stima. Fir-rigward tal-ispejjeż tal-materjali qal li lanqas fuq dawn ma kellu ftehim mal-klijent pero' ta' dawn hu ċċargja *at cost*, u meta saqsih għalihom ipprovdihomlu. Qal li l-materjal li uża huwa ta' kwalita', kif ukoll materjali speċjalment f'dawn l-aħħar xhur qed jogħlew drastikament. Ħafna kumpaniji u kuntratturi jżidu *markup* fuq il-materjali pero' hu ma jagħmilx hekk u l-informazzjoni tal-*costs* li ppreżenta lill-konvenut jista' jqabbilha mal-prezzijiet tal-ħwienet, dejjem jekk jitqabbel ma' l-istess materjal, bl-istess kwalita'. Ippreżenta leaflet bil-*price-list* mingħand is-*supplier*[4] jikkonferma dak li qal u għamel referenza għal diversi *websites* ta' *suppliers* li minnhom wieħed jista' isib l-istess prezzijiet għal materjali l-oħra li uża għax xogħol li għamel lill-konvenut:

Kenneth hardware stores: @ps://www.khsmalta.com

Rovic Ironmongery: https://www.hardwarestore.com mé/products/

Ess electrical supplies: https:Mess.com.mt/

Meta għamel il-kont ikkunsidra dawn il-parametri bl-istess mod kif kien għamel ma' Cilia u kien u għadu jagħmel ma' klijenti oħra, u ċioe':

[4] A fol 17 et seq tal-proċess

- Kemm qiegħed jittieħed ix-xogħol fis-suq;
- Kemm utilizza ħin fuq ix-xogħol inkluż id-diffikultajiet li ltaqa' magħhom biex wettaq ix-xogħol neċessarju;
- X'materjali uża u l-metodu tax-xogħol;
- Il-lokalita' tax-xogħol u l-problema ta' parkeġġ;
- Il-ħin mhux direttament fuq il-post tax-xogħol;
- L-ispejjeż li bniedem *self-employed* iħabbat wiċċu magħhom;
- L-ispejjeż ta' tagħmir li wieħed jinvesti fihom fost oħrajn.

Il-konvenut kien qallu li jekk jimxi bħal ma mexa ma' Cilia, hu jkun kuntent. Hekk għamel u mix-xogħol sakemm tah il-kont, kuntent kien. Is-somma ta' elf Ewro (€1,000) li ħallsu l-konvenut sal-lum, lanqas biss huma biżżejjed biex ikopru l-ispejjeż tal-materjali. Jemmen li l-kont li ta lill-konvenut huwa wieħed ġust u ma hemm ebda skuża għaliex ma jħallasx għax-xogħolijiet nwettqa minnu fir-residenza tiegħu kif xtaq hu. B' hekk qed jitlob lill-konvenut il-kumplament tal-kont pendenti li jammonta għas-somma ta' elf u disa' mitt Ewro (€1,900.00), kif ukoll għall-ispejjeż legali li kellu jidħol għalihom sabiex jitħallas ta' xogħolu stess, flimkien mal-imgħax.

Fil-kontro-eżami[5] innega li l-konvenut talbu stima approssimattiva tax-xogħol tiegħu u hu qallu li b'li ra ma setax jaħdem stima. Fuq domanda jekk għamilx ilment Cilia wieġeb li ma jistax ikun li ilmenta għaliex kieku ma reġax qabbdu. Cilia ilu jqabbdu żmien u filfatt anke mal-avukat tiegħu qabbdu hu li huwa klijent tiegħu. Jiċċarġja skont ix-xogħol. Fl-ebda ħin ma ftiehem mal-konvenut jekk hux bis-siegħa jew bil-ġurnata. Wara li ħadem lill-konvenut, ħareġ lista tal-affarijiet li għamel kif hemm spjegat fl-affidavit. Jekk tagħmel breakdown ta' kont ir-rata toħroġ li ġiet hija ta' tlieta u tletin Ewro (€33) is-siegħa. Fuq domanda jekk ġieli ċċarġjax bil-ġurnata wieġeb li x-xogħol li jagħmel kollu differenti. M'għandux rata fis-siegħa. Ir-rati fis-suq huma ħafna iktar. Ikkonferma li l-*parts* fis-somma ta' elf, erbgħa u tmenin Ewro u seba' u għoxrin ċenteżimu (€1,084.27) kollha qegħdin hemm u l-qadim qalgħu. Kompla jispjega li qala' fejn kien hemm bżonn u fis-sular ta' fuq ma qalax xogħol ta' dawl u ilma. Fuq domanda li t-tank tnaddaf mill-konvenut u l-mara tiegħu qal li t-tank naddfu hu. Ikkonferma li fir-rigward tat-tibdil ta' kanen tal-ilma kollha, kċina, *plumbing* ġdid fi tlett ikmamar inkluż *angle files flexible* u alterazzjoni ġdida, it-trinka kienet ġja mħaffra fil-ħajt u kellu jikxifha. Ikkonferma li biddel il-pajp minn wieħed tal-ħadid għal wieħed tal-plastik. Biddel ukoll l-kaxxa tad-dawl u l-madwar tagħha inkluż l-installazzjoni sħiħa tal-*lighting system*, biddel il-plakek tas-sular ta' isfel kollu, l-ewwel parti tal-*lighting system* tad-dawl li jinkludi l-qanpiena. Semma li fejn għandu x'jaqsam l-ilma fil-kmamar tal-banju il-qlugħ kien fix-*shaft*, il-kanen fil-kamra tal-banju ma kissirlux madum inkella kien ikissirlu l-kamra tal-banju kollha. Ix-xogħol għamlu kif riedu l-konvenut, u kkummenta li kieku tiegħu personali ma kienx jagħmilhom hekk għax għamlu l-aktar pulit kif riedu hu. Fir-rigward ċaqliq ta' għamara qal li kienu pjanu, sufanijiet, imbarazz u dan kull fejn kellu jaħdem. Qal li x-*shaft* fejn niżżel il-pajp ma kienx komdu. Meta niżżel il-pajpijiet fuq ix-xaft biex jidħol fil-kamra tal-banju kellu jtaqqab minn ġewwa u beża għal-madum. Ħadimlu biex ikollu l-inqas pajpijiet jidhru. Biex qala' l-pajpijiet l-antiki kellu joqgħod jorbothom minn fuq, jaqtagħhom biċċa biċċa u jniżżilhom bil-ħabel.

[5] A fol 24 et seq tal-proċess, kontro-eżami datat 8 ta' Frar, 2022

Fil-kontro-eżami[6] qal li wara li għamel ix-xogħol, għamel il-lista ta' x'għamel u m'għamilx bħal ma jagħmel dejjem, ra x'uża u ma użax imbagħad qgħad jaħseb ix-xogħol li għamel kemm kien ħaqqu jieħu u ma għamilhomx bis-siegħa. Il-materjal li uża ġieh elf u erbgħa u tmenin Ewro (€1,084) u l-konvenut tah is-somma ta' ħames mitt Ewro (€500) darbtejn.

Ra l-affidavit ta' **John Borg**[7] li permezz tiegħu ddikjara li kellu bżonn jagħmel xogħolijiet ta' plumbing u elettriku fid-dar tar-residenza tiegħu ġewwa 49, Triq il-Karmnu, Sliema. Kellu provvista tal-ilma bħal kull residenza oħra, iżda ried jibdel il-kanen tal-ilma li kienu mħaffrin ġo trinka lesta u jagħmilhom tal-plastik, u jibdel il-plakkek tal-elettriku li kienu tal-ħadid u jagħmilhom ukoll tal-plastik. Għal dan ix-xogħol inkariga lill-attur. Sar jaf bih tramite l-ġar tiegħu Joseph Cilia. L-attur mar d-dar għandu u qallu x'ried jagħmel. Huwa dar mad-dar kollha u aċċetta li jaħdimlu. L-ewwel ħaġa li staqsieh kienet biex jagħtih stima, u wara ħafna diskors vojt huwa qallu li ma setax jagħtih stima. Meta staqsih jekk jitħallasx bil-ġurnata jew bis-siegħa, qagħad idur mal-lewża u ma tahx risposta. Fl-aħħar qallu "*Mela imxi fair miegħi u naslu*". Spjega li l-attur dam jaħdem għandu sebat'ijiem u kien imur fid-9.00hrs. F'ħames ġranet minnhom dam sa 14.30hrs, u fiż-żewġ ġranet l-oħra telaq fis-13.00hrs. B'kollox jikkalkula li ħadem ħamsa u erbgħin (45) siegħa f'sebat'ijiem, ta' liema l-attur żammlu elf, tminn mija, ħmistax-il Ewro u tlieta u sebgħin ċenteżimu (€1,815.73), bir-rata ta' mitejn, disgħa u ħamsin Ewro (€259) kull ġurnata. Qal ukoll li nefaq elf, erbgħa u tmenin Ewro u sebgħa u għoxrin ċenteżimu (€1,084.27) *f'parts*. Hu kien ġja ħallsu elf Ewro (€1,000) akkont waqt li kien għaddej bix-xogħol. Meta tah il-kont xxukkjah għaliex ġieli qabbad *plumbers* u *electricians* qabel u ħadd qatt ma żammlu dawn l-ammonti għal kwantita' ta' xogħol li ħadimlu l-attur, ta' ħamest'ijiem u żewg nofs ta' nhari. Biex jivverifika l-kont qallu li ried *breakdown* li tah u hu ikkontestah. Qal li x-xogħol li l-attur kien għamillu kien is-segwenti:

- *Plumbing*: Bdil tal-kanen ta' l-ilma kollha, nkluż fis-*shaft* spazzjuż u komdu biex taħdem (7 piedi x 7 piedi), li kienu tal-ħadid u għamilhom tal-plastik (mikxufin). Ilma fil-*main* kellu bħal kull residenza oħra. Il-*flow* ta' l-ilma kien jasal sat-tank fuq il-bejt. Kellu ilma sħun fil-kamra tal-banju fuq. Qala' l-*water heater* u installah band' oħra. Li ma kellux kien ilma sħun isfel li allura l-attur wassalulu anki għas-sular ta' isfel. It-trinka kienet lesta u l-attur ma ħaffer imkien. Il-qadim ħallih fejn kien u għadu hemm, imwaħħal ġol-ħajt. It-tank tal-ilma tal-bejt ma messux u ma kellux għalfejn għax kien nadif. Lanqas huwa veru li l-attur ċaqlaq xi għamara. Żewġ biċċiet għamara ċaqlaquhom hu u martu qabel ma beda jaħdem;

- Elettriku: l-attur bidel ringila ta' plakkek fil-pjan terran billi ssosstitwihom f'plakkek ġodda tal-plastik. Irranġa wkoll il-kaxxa tad-dawl.

Finalment qal li ma huwiex ser jikkummenta dwar il-ħafna diskors vojt li għamel l-attur fl-affidavit tiegħu. Qal li wara meta kellem lil Cilia, anki hu qallu li gerger dwar il-kont li tah.

Fil-kontro-eżami[8] qal li d-dar tiegħu għandha tlett sulari. Ix-xogħol kien iktar ilma, dawl ftit. Ikkonferma li kellu l-ilma mil-bir, kien jasal fil-bitħa isfel u l-kanen kienu tal-ħadid bħal bqija tas-sistema. Innega li s-*supply* mil-bitħa fejn kien jasal mill-*main* għal fuq kien limitat.

[6] A fol 62 tal-proċess, xhieda datata 21 ta' Jannar 2025
[7] A fol 50 a et seq tal-proċess
[8] A fol 31 et seq tal-proċess; kontro-eżami datat 12 ta' April, 2022

Ikkonferma li llum-il ġurnata ilma hemm u ilma fit-tank ta’ fuq il-bejt dejjem kien hemm bi pressa tajba. Innega li l-pajpijiet tal-ħadid kienu msaddin u li kellu kienu żewġt’ikmamar tal-banju ta’ fuq, kellu l-*flushing* ried jibdilhom u fil-kċina isfel għaliex peress li kellu *geyser* wieħed fil-kċina isfel ma kienx jasal il-misħun. Il-kanna mill-bitħa għal fuq il-bejt għal fuq it-tank ma kienetx imsadda u għadha fuq il-post. Isfel li kellu l-plakek maqlugħin għax jaħseb li l-kanen kienu tal-ħadid u kienu xxurtjaw, kien hemm kollox minbarra plakek. Fit-*toilet* ta’ isfel ried jagħmel plakka żejda. Kellu *extension* fit-*toilet* ta’ isfel li kienet tagħti għal ġol-kċina li kien għamel hu ma kienetx taħdem, iżda dawl fil-kċina kellu. Cilia introduċih mal-attur għax kien staqsih jekk kienx jaf lil xi ħadd u rrakomanda lill-attur. Wara li sar ix-xogħol, meta qallu kemm talbu flus, il-mara ta’ Cilia qaltlu li anke huma kellhom il-problemi. Għadhom ġirien u għadu jkellmu. Għandu żewġ kmamar tal-banju u *toilet*. Il-kmamar tal-banju ta’ fuq kellhom ilma u misħun u fil-kċina ma kellux misħun. L-attur għamilhom ġodda. Innega li dakinhar li l-attur kellmu qallu li diffiċli jtih stima u qallu għax jibdew bix-xogħol u l-implikazzjonijiet kienu li jaf ikun hemm affarijiet li jkollhom bżonn ibiddlu allura l-ispejjeż ma kienux *ben* definiti u hu qallu li lanqas stima ma ried għaliex Joe Cilia faħħru ħafna u jekk jimxi miegħu kif mexa ma Cilia jkun kuntent. Ikkonferma li semmielu postijiet oħra li xtaqu jaħdimlu. Ħadem sebat’ijiem, ħamsa u erbgħin (45) siegħa. Ikkonferma li l-plakek isfel kienu xxortjati. Qal li t-trinka kienet ġja hemm, għax hu qala’ l-ħadid u daħħal il-plastik, u għamel biċċa żgħira. It-trinka kellha pajp tal-ħadid bil-wires ixxortjati fih, pero’ l-ħadid kien midfun ġot-tajn u l-attur kellu jiġbidha u jqatta’ kollox. Ma qattgħux pajpijiet għax kien ikun il-ħin kollu ħdejh. Jekk imur xi ħadd jara li għadu kollox kif kien fl-antik, il-pajpijiet l-antiki għadhom hemmhekk imkaħħlin kif kienu qabel. Innega li dawk li tilgħin mill-art inqatgħu. L-attur wassallu l-ilma sa wara tad-dar fil-ġnien għax għamillu vit. Innega li għamel l-*istop watch* mal-arloġġ. Ma biddilx *mixers* tal-kamra tal-banju, għamel żewġ fanali żgħar ġol-kmamar tal-banju, twaħħil ta’ żewġ *flushings*, il-qanpiena, *fittings* ta’ mat-tank ta’ fuq il-bejt. Innega li rranġa vażun tal-ġibs u li wassal l-ilma għall-*washing machine*. *Trunking* ma jafx x’hinu.

Ra li l-avukati difensuri tal-partijiet fis-seduta tat-12 ta’ April, 2022[9] talbu nomina ta’ espert sabiex jikkonstata x-xogolijiet bħala valur mitlub tal-parts użati u tal-*mano d’opera* li saru mill-attur fir-residenza li tinstab ġewwa 49, Triq il-Karmnu, Sliema, proprjeta’ tal-konvenut.

Ra li l-avukati difensuri ppreżentaw nota konġunta datata 28 ta’ April, 2022[10] fejn qablu li l-espert maħtur ikun il-Perit Godwin Abela.

Illi mir-relazzjoni tal-Perit Godwin Abela datata 3 ta’ Lulju, 2023[11] jirriżulta li huwa mar fil-proprjeta’ fejn saru x-xogħolijiet mertu tal-kawża odjerna u li l-partijiet kienu preżenti. L-espert ħa konjizzjoni tax-xogħolijiet magħmulin mill-attur fil-fond liema xogħolijiet ġew elenkati u pprezzati fit-tabella annessa[12] u li tifforma parti integrali tar-relazzjoni. L-espert stima x-xogħolijiet magħmulin mill-attur fil-fond tal-konvenut fl-ammont ta’ elf, disa’ mija u ħamsa u disgħin Ewro u ħamsa u sebgħin ċenteżimu (€1,995.75) inkluż il-VAT.

---

[9] A fol 30 tal-proċess
[10] A fol 59 tal-proċess
[11] A fol 70 et seq tal-proċess
[12] A fol 71 tal-proċess

Mir-risposti tal-Perit espert għad-domandi in eskussjoni magħmulin mill-attur datati 19 ta' Ġunju, 2024[13], jirriżulta taħt kjarifika ġenerali li:

> *L-esponent jiddikjara li meta sar l-aċċess għamel in-notamenti meħtieġa waqt li kien qed jisma' l-partijiet, u in partikolari ir-rikorrenti li kien qed jiddeskrivi x-xogħol li kien għamel, u a bażi ta' dawn in-notamenti, wasal biex jipproduċi t-tabella annessa mar-relazzjoni. Dan qed jiġi dikjarat għar-raġuni li mill-kummenti tar-rikorrenti dwar il-kontenut fit-tabella issemmew xogħolijiet u items li ma ġewx indikati lill-esponenti waqt l-aċċess.*
>
> *Inoltre, l-esponent ma ġiex fornit bil-lista formali tax-xogħolijiet magħmulin mir-rikorrenti u rati għal tali xogħolijiet, lanqas ma ġie fornit b'kopja tal-invoices tal-materjal allegatament mixtri mir-rikorrenti kif ukoll l-irċevuti fiskali rilaxxati kontra x-xogħolijiet imwettqa mill-istess rikorrenti.*

Għalhekk jirriżulta li l-espert stima x-xogħolijiet magħmulin mill-attur milli rriżultalu waqt l-aċċess li għal dawn ix-xogħolijiet ma ġiex fornut bl-lista tax-xogħolijiet li twettqu, iżda ma setax jistima l-materjal użat u dan għaliex lanqas lista tal-materjal ma ngħatat mill-attur. Jirriżulta wkoll li l-attur kien preżenti meta l-espert aċċeda fuq il-post u kellu kull opportunita' li jagħti lista tax-xogħolijiet li għamel, kif ukoll lista jew *invoices* tal-*parts* li qed jikkontendi li xtara huwa. Ulterjorment, l-espert fir-risposta tiegħu għamel referenza għat-tabella li tifforma parti mir-relazzjoni, senjatament għas-2nd *floor, bathroom new water supply, hot & cold to yard* bir-rata u total ta' tlett mija u tmenin Ewro (€380) u spjega li r-rata kellha tkun ta' ħames mija u tmenin Ewro (€580) u mhux tlett mija u tmenin Ewro (380) u kompla jgħid li dan kien *misprint* u żball[14]. Għalhekk is-somma li wasal għaliha l-Perit hija ta' elfejn, erba' mija u tnejn u għoxrin Ewro u sebgħa u ħamsin ċneteżimu (€2,422.54) inkluż il-VAT liema somma jirriżulta li tirrappreżena x-xogħolijiet magħmulin mill-attur fil-fond ta' konvenut[15] u l-materjal użat ma huwiex inkluż fiha.

It-talba kif postulata mill-attur hija talba għas-somma ta' elf u disa' mitt Ewro (€1,900) liema somma tinkludi xogħol ta' jdejh kif ukoll materjal. Jirriżulta li waqt li l-attur kien għadu għaddej bix-xogħolijiet, il-konvenut għadda is-somma globali ta' elf Ewro (€1,000) f'żewġ ġranet differenti. Jirriżulta għalhekk is-somma globali hija ta' elfejn u disa' mitt Ewro (€2,900) in kwantu għas-somma ta' elf, tminn mija ħmistax-il Ewro u tlieta u sebgħin ċenteżimu (€1,815.73) tax-xogħol tiegħu u in kwantu għas-somma ta' elf, erbgħa u tmenin Ewro u sebgħa u għoxrin ċenteżimu (€1,084.27) in kwantu għal-materjal li xtara.

Mill-kalkoli tal-espert jirriżulta ikkonkluda li x-xogħol magħmul mill-attur kien fl-ammont ta' elfejn, erba' mija, tnejn u erbgħin Ewro u erbgħa u ħamsin ċenteżimu (€2,442.54) u għalhekk is-somma reklamata mill-attur rappreżentanti xogħolijiet magħmulha minnu fis-somma ta' elfm tminn mija, ħmistax-il Ewro u tlieta u sebgħin enteżimu (€1815.73) hija ġustifikata.

Issa it-Tribunal ser jissindika is-somma pretiża għal-materjal mixtri mill-attur. Jirriżulta mir-rapport tal-espert li waqt l-aċċess, għal liema aċċess l-attur kien preżenti ma forniex lill-espert

---

[13] A fol 83 et seq tal-proċess
[14] Ibid
[15] A fol 70 tal-proċess , paragrafu 3 tar-relazzjoni tal-Perit Godwin P. Abela

b'kopji ta' *invoices* tal-materjal mixtri mill-attur kif ukoll l-irċevuti fiskali kontra xogħolijiet imwettqa minnu.

Fl-affidavit tiegħu l-attur jikkontendi li biex kemm jista' jkun ma joqgħodx jintilef imur jixtri waqt il-ħin hu jżomm *stock* kbir ta' materjal fil-garaxx disponibbli u jistokkja l-vann kont ix-xogħol. Fil-każ odjern jirriżulta illi l-konvenut xtara materjali oħra speċifiċi għall-użu tal-konvenut li huma il-*bowls* tal-*flushing* tat-*toilets* li hu ċċarġja *at cost* u pprovdihom lil konvenut. Jirriżulta li fl-atti ma ġewx esebiti la l-*invoices* u lanqas riċevuti fiskali.

It-Tribunal jagħmel referenza għall-appell fl-ismijiet **Marika Caruana vs Direttur Generali tal-Qrati tal-Gustizzja**, deċiż fit-23 ta' Jannar, 2004, fejn il-Qorti tal-Appell qalet:[16]

> *Fir-rigward ta' ekwita' fis-sens litterali taghha t- Tribunal kif gja esprima ruhu drabi ohra fir-rigward jinghad li din tfisser:*
>
> *"Fairness, recourse to principles of justice to correct or supplement the Law; system of Law, coexisting with and superseding common Law and statute Law (Oxford Dictionary).*
> *Fil-kamp guridiku l-kelma ekwita' ghandha s-sens illi dan hu principju li ghandu jigi applikat mhux biex ifarrak il-Ligi, jew biex jissostitwixxi l-Ligi, izda biex jissupplimentaha fejn il-Ligi hi mankanti:*
>
> *"Now equity is no part of the law, but a moral virtue, which qualifies, moderates, and reforms the rigour, hardness and edge of the law, and is an universal truth; it does also assist the law where it is defective and weak in the constitution, and defends the law from crafty evasions, delusions, and new subtilties, invented and contrived to evade and delude the common law, whereby such as have undoubted right are made remediless; and this is the office of equity, to support and protect the common law from shifts and crafty contrivances against the justice of the law. Equity therefore does not destroy the law, nor create it, but assist it" (Dudley [Lord] vs Dudley [Lady] [1705] ).*
>
> *Ghandu jinghad ukoll li:*
>
> *""Equity follows the law" and in cases where the legal analogy clearly applied, the rule of law was adopted, however harsh it might be."*
>
> *Kif ukoll li:*
>
> *"Equity is co-relative and co-existensive with law " (Sources of English Legal History 1750 – 1950 – A.H. Manchester. P. 121)*
>
> *Il-kuncett tal-ekwita' zviluppa matul is-sekli, pero' sa minn zmien Aristotile l-bazi ta' l-ekwita' kienet dik ta' korp ta' regoli li jissupplixxu fejn il-Ligi hija mankanti:*

[16] Appell Civili Nru: 643/2001/1; Onor. Imhallef Philip Sciberras.

*"Aristotle explains how appeals to equity may be best made by an advocate pleading in the courts, and relates it to the "unwritten" law regarded as underlying an supplying the deficiencies of the body of enacted law" (Introduction to Jurisprudence – Lord Lloyd of Hampstead, 4th ed, p.964)*

*Dak li hu ekwu huwa gust:*

*"....... While we sometimes praise what is equitable and the equitable man, ....... at other times, when we reason it out, it seems strange if the equitable, being something different from the just, is yet praiseworthy; for either the just or the equitable is not good, if they are different; or, if both are good, they are the same." (Introduction to Jurisprudence – Lord Lloyd of Hampstead, 4th ed, p.964)*

*U jkompli jgħid:*

*"..... for the equitable, though it is better than one kind of justice, yet it is just, and it is not as being a different class of thing that it is better than the just. The same thing, then, is just and equitable, and while both are good the equitable is superior. What creates the problem is that the equitable is just, but not the legally just but a correction of legal justice. The reason is that all law is universal but about some things it is not possible to make a universal statement which shall be correct. In those cases, then, in which it is necessary to speak universally, but not possible to do so correctly, the law takes the usual case, though it is not ignorant of the possibility of error. And it is none the less correct; for the error is not in the law nor in the legislator but in the nature of the thing, since the matter of practical affairs is of this kind from the start. When the law speaks universally, then, and a case arises on it which is not covered by the universal statement, then it is right, where the legislator fails us and has erred by over-simplicity, to correct the omission - to say what the legislator himself would have said had he been present, and would have put into his law if he had known. Hence the equitable is just, and better than one kind of justice – not better than absolute justice, but better than the error that arises from the absoluteness of the statement. And this is the nature of the equitable, a correction of the law owing to its universality." (Introduction to Jurisprudence – Lord Lloyd of Hampstead, 4th ed, p.964)*

*Dak li hu ekwu necessarjament huwa gust, u l-ekwita` hi propju intiza sabiex issir gustizzja ma dak li jkun. L-istess awtur ikompli jghid:*

*"it is plain what the equitable is, and that it is just and is better than one kind of justice. It is also evident from this who the equitable man is; the man who chooses and does such acts, and is no stickler for his rights in a bad sense but tends to take less than his share though he has the law on his side, is equitable, and state of character is equity, which is a sort of justice and not a different state of character."*

*Sir Henry Maine isemmi tlett strumentalizzazzjonijiet li jservu biex igibu aktar qrib ta' xulxin l-interessi tas- socjeta' kif distinti minn dawk tal-ligi; u cioe' "Legal Fictions, Equity, and Legislation" u jitlaq b'din il-premessa:*

*"...Law is stable; the societies we are speaking of are progressive. The greater or less happiness of a people depends on the degree of promptitude with which the gulf is narrowed."*

*Filwaqt li Lord Denning juri l-preokkupazzjoni tieghu fuq dak li qal Maine fuq it-tlett strumentalizzazzjonijiet: "If they are exhausted where is a new means to be found?" u jispicca jghid:*

*"The law as I see it has two great objects: to preserve order, and to do justice; and the two do not always coincide. Those whose training lies towards order, put certainty before justice; whereas those whose training lies towards the redress of grievances, put justice before certainty. The right solution lies in keeping the proper balance between the two."*

*Tenut kont ta' dan kollu, it-tifsira li ghandha tinghata lill- kelma "ekwita`", u aktar tenut kont tal-kliem "skond il-Ligi" illi jinsab ghall xi raguni allaccat mal-kelma "ekwita'" fl- Artikolu 7 tal-Kap. 380 tal-Ligijiet ta' Malta, fil-fehma tat-Tribunal ghandu jigi interpretat fis-sens li l-ekwita` ghandha ssegwi l-Ligi, u ghandha ukoll pero` il-funzjoni specjali li din tissuplimentaha fejn din hi nieqsa, billi taghti rimedju fejn hemm ir-raguni, u b'mod li ssir gustizzja ma' dak li jkun.*

Jirriżulta li l-konvenut qed jikkontesta s-somma globali u għalhekk inkluż tal-materjal mixtri u fil-fatt anke kif ddikjarat mill-attur, il-konvenut talbu *breakdown* tal-kont maħruġ minnu. Għalkemm it-Tribunal ma jistax jifhem kif għalkemm l-attur kien fuq il-post waqt l-aċċess, ma tax lista tal-prezzijiet lill-espert jew almenu indika l-materjal li uża, madanakollu t-Tribunal b'referenza kemm għall-affidavit imressaq mill-konvenut kif ukoll għal-kontro-eżami tal-istess jara li hemm ammissjoni fuq diversi affarijiet li saru senjatament:

- *plumbing* li jikkonsisti fi bdil tal-kanen tal-ilma kollha nkluż fis-*shaft* li kienu tal-ħadid u għamilhom tal-plastik;
- *flushing* f'żewġt'ikmamar;
- misħun isfel;
- plakek;
- parti żgħira ta' trinka;
- vit;
- żewġ fanali;
- qanpiena;
- *fittings* tat-tank tal-ilma.

Għaldaqstant mil-perizja tal-espert, u minn dak ikkonfermat mil-lista esebita[17] jirriżulta li l-materjal li għamel referenza għalih l-konvenut huwa kollu materjal b'referenza għax-xogħolijiet li saru.

[17] A fol 15 tal-proċess

**Decide**

Għaldaqstant, it-Tribunal qiegħed jaqta' u jiddeċiedi dan il-każ billi filwaqt li jiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenut, jilqa' t-talba attriċi billi jikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attur is-somma ta' elf u disa' mitt Ewro (€1,900.00), bl-imgħax dekorribbli mid-data tas-sentenza sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż tal-kawża jitħallsu unikament mill-konvenut[18].

**Dr. Marouska Debono**
**Ġudikatur**

[18] Stante li ma ġietx preżentata l-ittra legali